**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

Il-Pulizija
(Spettur Saviour Baldacchino )

Vs

Nicole Vassallo

Kumpilazzjoni Numru: 406/2020

Illum 04 ta' Gunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-20 ta' Awwissu 2020 kontra:

**Nicole Vassallo** ta' 22 sena bint Raymond u Jennifer xebba Bonnici, mwielda gewwa Pieta' nhar it- 22 ta' Mejju 1998 u residenti gewwa 65, Triq San Guzepp, Senglea, detentrici tal-karta tal-identita' numru 191398M,

**Akkuzata** talli f'diversi hinijiet fil-lejl ta bejn it-23 u 24 ta' Novembru 2019 gewwa dawn il-gzejjer ta' Malta b'xi mod, xjentement ghint jew assistejt lill-awtur fl-atti li bihom kien ikkunsmat id-delitt ta' serq minn gewwa Kastellan Court, Flat 2, Triq il-Faqqus, Zejtun, liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn Ewro 2329.37, bil-mezz u bil-lok, u bil-hin skond artikoli

42(b)(b)€, 43, 46, 263, 264, 269(g), 270, 279(b), 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita' mil-ligi, tordna lill-akkuzata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat l-att tat-twelid u l-fedina penali netta tal-imputata.[2]

Rat li l-imputata wiegbet mhux hatja tal-akkuza fil-konfront taghha.[3]

Rat in-nota ta' Ryan Grech li talab li jigi ammess parti civili fil-procediment.[4]

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra (10) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) fejn fiha elenka l-artikoli 17,31, 532A, 533, 42, 43, 261(b), 261(c ), 261 (e ), 263 (a), 264, 265, 267, 269(g), 270, 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 281, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala il-bazi tal-akkuza.[5]

Rat illi l-imputata ma oggezzjonatx u tat il-kunsens taghha biex tigi iggudikata minn din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2023[6].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 2 u 3 tal-process.
[3] Folio 10 tal-process.
[4] Folio 8 tal-process.
[5] Folio 526 tal-process.
[6] Folio 533 tal-process.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-partijiet ma pprezentaw l-ebda nota ta' sottomissjonijiet fit-termini koncessi.

Rat l-ammissjoni tal-imputata registrata fi stadju ferm tardiv f'dawn il-proceduri u cioe meta l-kawza kienet gia thalliet ghas-sentenza[7], liema ammissjoni giet debitament registrata.

Rat il-pre-sentencing report prezentat fis-seduta tas-06 ta' Novembru 2024, Dokument CB[8].

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2025.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan hu kaz li jirrigwarda allegat komplicita' f'serqa li sehhet minn terzi fil-lejl ta' bejn it- 23 u l-24 ta' Novembru 2019 gewwa il-fond Kastellana Court, Flat 2, Triq il-Faqqusa Zejtun. L-ammont allegatament misruq f' din is-serqa kein jeccedi l-Ewro 2329.37c.[9] L-prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputata taght informazzjoni lil terz biex tiffavilita' din is-serqa matul il-lejl mertu ta' dawn il-proceduri.

L-imputata cahdet dak addebitat lilha mill-prosekuzzjoni.

---

[7] Folio 545 tal-process.
[8] Folio 553 tal-process.
[9] Skond NPS Report 5/I/262/2019 insterqu Ewro 11,200; credit card; handbag; karta tal-identita' u licenzja tas-sewqan. Folio 17 sa 23 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Xehed l-i**Spettur Saviour Baldacchino** waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2020 fejn spjega l-involviment tieghu fl-investigazzjoni.[10] Jispjega kif gie infurmat u x'passi ittiehdu mill-pulizija. Izid jghid li l-vittma kellu suspett fl-imputata ghax din kienet qed tirrisjedi mieghu ftit gimghat qabel fir-residenza.[11] Ikompli jispjega li l-vittma qaltlu li min dahal kien jaf il-post sewwa. Jghid li l-vittma stqarr mieghu li f'dak il-lejl hu mar jiehu drink f'zewg postijiet u ra lill-imputata Nicole Vassallo hemm ukoll. Jispjega aktar li kien hemm inkjesta magisterjali mmexxija mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo u mil-localisation gie stabbilit li l-mobile tal-imputata fil-hin tas-serqa ghamel kuntatt ma' mobile bin-numru 99742806 li kien jghajjat lil Victor Degabriele detentur tal-Karta tal-Identita numru: 191384M. Jghid li meta l-imputata giet arrestata hija ammettiet l-involviment taghha wara li inghatat id-drittijiet taghha skond il-ligi. Spjegat li lil Degabriele hija ma tafux pero' taf lil Marflene Cricciola u dan beda jiffittaha biex taghtih l-informazzjoni halli s-serqa issehh. Ikompli jispjega li mill-mobile irrizulta li fil-hin tas-serqa hija kienet qed titkellem ma' Marflene Cricciola u mhux ma' Victor Degabriele. Jirrizulta li Victor Degabriele ma ikkollaborax mal-pulizija meta kien arrestat u sussegwentement ittehidlu swab minn Dr. Marisa Cassar fuq ordni tal-Qorti u d-DNA tieghu qabel mad-DNA li instab fl-ingwanta.[12] Mitkellem ghal darb' ohra hu insista li ma kellu x'jaqsam xejn u li dan kien frame-up ta' Marflene Cricchiola.

Kontro-ezaminat jghid li t-telefonata kienet bejn l-imputata u mhux Degabriele imma it-telefon kien ta' Degabriele. Jghid li l-imputata qaltilhom waqt l-interrogazzjoni li hija kellmet lil Marflene Cricciola. Huma qed jobsru

[10] Folio 24 tal-process.
[11] Folio 25 tal-process.
[12] Folio 28 tal-process.

li l-informazzjoni li ghaddiet lil Cricchiolo hija fejn qeghdin il-flus. Jghid li huma qabblu l-hin ta' l-istorbju li semghu l-girin mal-hin tat-telefonati u l-hin jaqbel.

**Dr. Lennox Vella** imqabbad minn din il-Qorti biex jitkraskrivi l-istqarrija tal-imputata xehed fit-22 ta' Jannar 2021 u ezebixxa it-traskrizzjoni.[13]

Waqt l-istqarrija taghha l-imputata tghid li qeghda f'relazzjoni ma' Ryan Grech, ossija l-vittma. Tghid li fil-gurnata tas-serqa kienu miggieldin ghax kien irranga mal-ex tieghu u illum il-gurnata l-imputata u l-vittma regghu f'relazzjoni flimkien. Tghid li l-mobile number taghha huwa 99315060. Tghid li lil Victor Degabriele ma tafux.[14] Mistoqsija dwar il-missed calls u l-messagg li irceviet f'dak il-lejl, tghid li kien 'Aw jien Mar' u kien Marflene li jigi missier it-tifel taghha li ghandu hames snin. Tispjega li meta irceviet il-messagg hija kienet Oyster Pub ghax kienet harget ma' ohtha u shabha u hemm rat ukoll lill-vittma. Tghid li barra Oyster Pub marret post iehor, jigifieri il-Power Bar, Birzebbugia u wara fit-tard gie Ryan hemm ukoll. Tghid li ma' Marflene Cricchiola r-relazzjoni spiccat u lanqas ma jaghtiha manteniment ghal binhom u ma ghadhiex tkellmu. Dak iz-zmien tas-serqa kienet tkellmu ftit. Tghid li cemplulha u qalulha jekk 'hemmhekk all right? Hemmhekk qieghed?'. Tikkonferma li hija ikkomunikat ma' Marflene u fost affarijiet ohra staqsa jekk hux hemm Ryan u dan ghax ried jidhol biex jiehu il-flus. Tghid li gimgha qabel kien raha barra u kellimha. Tghid li kienet fil-post, raha hemm u waqaf ikellimha. Staqsiha jekk ghandhiex xi flus u hija qaltlu li ghandu jahdem ghalihom. Marflene qalli li ghandu bzonn il-flus u talabni biex nghinu. Fil-lejl tas-serqa qaltlu li qieghed iz-Zejtun u ma qaltlux li qieghed Oyster. Ma qaltlux l-indirizz ezatt u ma kinitx taf kemm ghandu flus. Ghalkemm Marflene staqsiha fejn izommhom il-flus, hija ma qaltlux. Tirrepeti li qaltlu li joqghod iz-Zejtun biss. Qaltlu li jzommhom fil-kamra

[13] Folio 41 tal-process. Kont tal-espert hu ta' Euro 39.52c.
[14] Folio 48 tal-process.

tas-sodda pero' mhux ezattament fejn.[15] Tghid li ma kienx hemm ftehim iehor, hu dak il-lejl qabad u cempel. Tghid li jumejn qabel avvicinaha. Tichad li ghamlet xi ftehim dak il-lejl jew li qalilha biex toqghod ghassa. Kategorikament tghid li mis-serqa ma hadet xejn u ma staqsiet ghal xejn u ghenet ghax beda jissikkaha Marflene pero' ma tibzax minnu. Tghid li ma taghtux ghajnuna ohra u lanqas cwievet ghax ma kellhiex. Lanqas wara s-serqa ma kellha kuntatt. Tishaq li lil Marflene tafu minn lehnu u dak in-nhar ma qalilihiex li ser iwettaq is-serqa. Tikkonferma li Ignazio Pavia huwa zijuh, ossija ta' Marflene pero' ma iccempillux. Tishaq li kull ma qaltlu huwa li joqghod iz-Zejtun biss. Tikkonferma li rahha xi darbtejn fejn joqghod Ryan. Hija ma tippretendix flus minghnad Marflene. *Taqbel li ma taghtux l-informazzjoni kollha imma bicca.*[16]

Xehdet **Charmaine Zammit** waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2021 fejn qalet li n -numru 99315060 huwa irregistrat fuq Annalise Dark filwaqt li n-numru 99742806 mhux irregistrat.[17]

Xehed is-**Supretendent Trevor Micallef** waqt is-seduta tat- 22 ta' Jannar 2021 fejn ikkonferma li kien l-ispettur tal-ghassa dak in-nhar u li informa lill-magistrsat inkwirenti.[18]

Xehdet **Ilona Galea** waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2021 u tispjega l-involviment taghha dwar dan il-kaz ghalkemm ma tiftakarx id-data poero' tghid li kien weekend u li kien fl-2019.[19] Tghid li dak iz-zmien kellha relazzjoni ma' missier it-tifla Ryan Grech. Tghid li Ryan ghandu hanut take-away u ghalqu xi nofs il-lejl u marru Marsaxlokk, Tex Mex Oyster Lounge. Tghid li l-hanut ta' Ryan jismu The South Bite li qieghed Cospicua u qabel ma' marru Marsaxlokk marru d-dar biex ilestu. Id-dar tinsab iz-Zejtun, Triq

[15] Folio 55 tal-process.
[16] Folio 63 tal-process.
[17] Folio 65 u 66 tal-process.
[18] Folio 69 tal-process.
[19] Folio 82 tal-process.

il-Faqqus. Telqu mid-dar f’xi s-siegha ta’ fil-ghodu (01.00). Tghid li wara Oyster Lounge marru post iehor Power Bar u dan kien fl-istess lejl. Dahlu id-dar f‘xi s-sitta  nofs (06.30) is-sebgha (07.00) ta‘ fil-ghodu u sabu l-bieb ta’ barra tal-appartament sgassat. Indunajna li serqu lil Ryan pero’ ma nafx x’kellu u ma kellux. Skond ix-xhud flus biss ittiehdu. Tispjega li min dahal go kamra wahda biss dahal. Tghid li ma kienx hemm taqlib.  Tghid li fl-awla taghraf lil Nicole u din tafha ghax hija qeghda f’relazzjoni ma’ missier it-tifla. Tghid li dwar is-serqa hija ma ghanda xejn xi tghid fuq Nicole. Fiz-zmien tas-serqa ma tafx x’rapport kein hemm bejn missier it-tifla taghha u Nicole.Tghid li meta indunaw bis-serqa cemplu lill-pulizija. Tghid li hija ma tista’ twahhal f’hadd. Tispjega li lil Nicole saret tafha ftit qabel ma gara l-kaz pero’ qatt ma kienet kellmitha. Tkompli tghid li f’dawk il-hmistax li hassret ma‘ Ryan, huwa beda johrog ma’ Nicole. Qabel is-serqa Nicole kienet tohrog ma’ Ryan. Tikkonferma li fil-lejl tas-serqa raw lil Nicole pero’ ma kellmuhiex u lanqas tkellmu bejniethom.

Kontro-ezaminata taqbel li Nicole u Ryan huma flimkien bhal issa u li kien dan ta‘ l-ahhar li qalilha li insterqu l-flus.

Xehed **Vincent Grech** missier il-vittma, nhar it-12 ta’ Mejju 2021 fejn ikkonferma li l-Hadd fil-ghodu pero’ ma jafx id-data ezatt kien cempillu Ryan Grech.[20]  Dan kien sentejn ilu meta infurmah li serquh.  Qallu li fil-kamra tas-sodda kien hemm naqra taqlib. Dan kien f‘xi s-sebgha ta‘ fil-ghodu (07.00).  Jghid li s-somma li qallu li nsterqet kienet sitta jew tmint elef. Jghid li mar fuq il-post  u dan qabel ma gew il-pulizija u s-sodda kienet mghollija.  Ma kienx hemm taqlib iehor fid-dar. Jghid li l-imputata qieghda f’relazzjoni ma’ ibnu u li hu jafha.

[20] Folio 96 tal-process.

Xehed **Christian Sheriff** nhar it-12 ta' Mejju 2021 u jghid li f'Novembru 2019, il-gurnata ma jafx ezatt pero' kienet il-Hadd, huma hargu u marru l-Oyster. Kien ma' Ryan u ma' Ilona[21]. Jispjega li x'hin marru id-dar sabu s-serqa ghax sabu l-bieb daqsxejn imbexxaq. Kien hemm il-bedspread fil-kcina u sabu l-kamra tas-sodda imqallba. Fil-kamra tas-sodda kien hemm is-sodda mghollija u l-kaxxi fejn kienu l-affarijiet kienu vojta. Ryan qal li ittiehdu l-flus. Jghid li Ryan cempel lill-pulizija li gew fuq il-post. Jispjega li hu ma jghix fil-fond.

Kontro-ezaminat jghid li huwa mar hemm ghax kienu bil-karrozza ta' Ryan u kellu l-vettura tieghu ipparkjata ghandu. Jghid li mar jigbor il-basket bil-hwejjeg. Jghid li hu jahdem part-time mieghu u wara li offrilu biex jiehu l-hwejjeg ghandu, jinhasal u johorgu flimkien, hu kien accetta.

Xehed **Eric Pace** fil-21 ta' Gunju 2021 u jispjega li lil Nicole ftit jafha ghax gieli raha ma' Ryan fil-komun.[22] Jghid li Ryan joqghod f'Castellana Court iz-Zejtun u jaf li l-imputata u Ryan joqoghdu flimkien. Jghid li kull ma jaf huwa li kien id-dar u sema' xi hsejjes, dan kien dalam sewwa. Sema' storbju fil-komun bhal xi hadd waqa' jew sabbat xi bieb. Jghid li jaf li serqu lil Ryan.

Xehdet **Rebecca Baldacchino** rapprezentanta ta' Epic Communications Ltd. fit-28 ta' Mejju 2021 u ezebit CD bl-informazzjoni mitluba fuq in-numri 99315060 u 99742806. Tghid li din l-informazzjoni diga' kienet ipprovduta.[23]

[21] Folio 103 tal-process.
[22] Folio 198 tal-process.
[23] Folio 122 tal-process.

Xehed **Angelo Buttigieg** fejn ipprezenta kopja tal-process verbal nhar it-28 ta' Lulju 2021.[24] Il-vittma Ryan Grech xehed fl-inkjesta magisterjali, ossija fl-24 ta' Novembru 2019 fejn qal is-segwenti:

*'Wasalna lura l-appartament ftit qabel is-sebgha ta' fil-ghodu (7.00am).*

*Il-bieb tal-komun sibtu maghluq, tlajna fl-appartament li jinsab fit-tieni sular u sibna l-bieb tal-appartament imbexxaq. Kif imbuttajtu b'idi, sibt li kien sgassat u bicciet mill-bieb mal-art. Sibt ukoll il-kwilt li nuzaw fuq is-sodda hdejn il-bieb tal-gallarija.*

*Dhalt gewwa, mort fil-kamra tas-sodda u sibt kullimkien taqlib. Barra mill-kamra tas-sodda ma sibt taqlib imkien'.*[25]

Xehed **PC 206 Mario Barbara** fl-24 ta' Settembru 2021 fejn qal li kienu ircevew telefonata li kienet sehhet serqa fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri. Jghid li kien hemm bieb tal-appartament sgassat u li l-bieb tal-komun ma kienx. Il-kamra tas-sodda kienet imqallba u min dahal, skond il-vittma kien jaf fejn kellu jfittex.[26]

Xehed **PC 916 Samuel Veneziani** fl-24 ta' Settembru 2021 fejn qal li kienu ircevew telefonata li kienet sehhet serqa fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri. Jghid li kien hemm bieb tal-appartament sgassat u li l-bieb tal-komun ma kienx. Il-kamra tas-sodda kienet imqallba.[27]

Xehed **PC 280 Justin Muscat** fl-24 ta' Settembru 2021 fejn qal li kienu ircevew telefonata li kienet sehhet serqa fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri.

---

[24] Folio 125 tal-process. Folio 134 jidher li l-ammonti misruqa huma Ewro 1,000, Ewro 6,000, Ewro 4,000, Ewro 400, Ewro 2,000 **b'total ta' Ewro 13,400**. Spejjez FSL- Euro 46.43 (Folio 219), Spejjez BioDNA- Ewro 566.40c. (Folio 225); Spejjez FSL- Folio 234 Ewro 170.75. Spejjez BioDNA Ewro 318.60 (Folio 269).
[25] Folio 200 tal-process.
[26] Folio 278 tal-process.
[27] Folio 280 tal-process.

Jghid li kien hemm bieb tal-appartament sgassat u li l-bieb tal-komun ma kienx. Il-kamra tas-sodda kienet imqallba pero' ma innota l-ebda taqlib iehor fi kmamar ohrajn[28].

Xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** nhar il-25 ta' Mejju 2022 fejn ipprezenta r-relazzjoni tieghu a tenur tal-verbal tal-21 ta' Gunju 2021.[29]

Xehdet **Charise Boffa** nhar is-06 ta' Novembru 2024 li pprezentat pre-sentencing report Dokument CB[30].

**Ikkunsidrat:**

Il-ligi taghna, fl-artikoli 42 u 43 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi testwalment is-segwenti fuq il-komplici.

*42. għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.*
*43. Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.*

**Ikkunsidrat:**

[28] Folio 282 tal-process.
[29] Folio 304 tal-process. Ewro 325.80 spejjez peritali.
[30] Folio 556 tal-process.

Fuq it-tema ta' komplicita' il-gurisprudenza taghna stabbiliet is-segwenti:

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Pace** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Ottubru 1952 per l-Onorevoli Imhallef W. Harding intqal li:
*"Il-komplicita' tippresumi ineluttabilment l-akkordju ta' aktar minn forza wahda (morali jew fizici) li jikkonvergu biex jipperpetraw 'l-istess delitt'.''*

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu 1963 per Onorevoli Imhallef W. Harding intqal li:
"*Din il-korroborazzjoni hi fis-sens stabbilit mill-gurisprudenza u d -dottrina, cioe' tali li tikkonnetti l-imputat mad-delitt u timplikah fih…. Ma hemmx bzonn jinghad li l-komplici jista' jigi kkorraborat, ghal finijiet tal-kliem ' korraborat b'cirkostanzi ohra'…… Jinghad opportunament il-Harris (Principles and Practice of the Criminal Law by Wilshere, p. 452)-*
*There may be corroboration in the prisoner's own evidence and in the circumstances of the case and his own conduct".*

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Alistair Camilleri omissis** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil- 25 ta' Ottubru 2012 per Onorevoli Imhallef Michael Mallia intqal is-segwenti:

**'Hawn hekk il-Qorti ma tistax taqbel ma l-appellant fuq punt ta' principju jekk Darren Gilford kellux jitqies bhala komplici jew le. Veru illi kien fil-karozza maghhom u kien qieghed jara dak li qieghed jigri, pero' dan mhux necessarjament jirrendih komplici peress illi biex dana jsir kellu jkollu "a common design" ma' l-awtur tar-reat. Dan il-common design kien ifisser quindi illi Darren Gilford kien konxju ta' dak kollu illi kien qieghed jigri u kien partecipi mieghu. Il-fatti pero' juru mod iehor illi Darren Gilford ma kienx jaf x'kien se jgib mieghu l-**

**appellant u kien biss fil-karozza illi Gilford li ra illi l-appellant gab mieghu skufji, senter isserrat, liema oggetti ntremew mill-istess appellant waqt l-insegwiment tal-pulizija. Gilford ma giex mixli b'dan l-incident u ghalhekk seta' liberament jaghti x-xhieda tieghu fil-konfront ta' Vassallo u l-appellant u la ma rrizultax dak il-common design fl-entrapriza illi kienet ser tinholoq allura tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti illi ma kelliex tqis lil Gilford bhala komplici f'liema kaz il-kwezit ta' l-allura Artiklu 638 ta' Kap 9 ma kienx necessarju.'**[31]

Dak rikjest biex tiġi sodisfaċentement ippruvata l-kompliċita ġie spjegat fid-dettal mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lisa Pace, Omissis:**

**Illi huwa sabbilit fl-gurisprudenza tagħna li biex persuna tinstab hatja bhala komplici jrid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni – cioe` pruvat lil hinn mid-dubbju dettat mir-raguni – li din il-persuna (i) kienet taf li l-awtur tad-delitt ser iwettaq dak id-delitt u (ii) li hi deliberatament ghinitha biex hekk iwettaq d-delitt billi ghamlet xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-semplici fatt li dik il-persuna marret ma' l-awtur tad-delitt, u anke kienet fuq il-post waqt il-kommissjoni tad-delitt, ma jfissirx necessarjament li hija kienet taf x'kellu f'mohhu. Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.**

**Profs. Anthony Mamo jgħallem dan dwar il-concursus delinquentium:**

[31] Pagna 7 u 8.

**A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence.**

Ikompli:

**There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. …**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti se tghaddi sabiex tezamina dan il-kaz fid-dawl tal-ligi u tal-imsemmija principji.

Bazikament dan il-kaz idur ma' zewg provi kardinali:

1. It-tabulati cellulari tal-imputata 99315060 u dawk ta' 99742806 li jghajjat lil certa Victor Degabriele fil-hin li allegatament saret is-serqa;[32]
2. Stqarrija tal-imputata waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija.

Gie stabilit ukoll mill-provi tal-prosekuzzjoni principarjament li:

1. L-imputata kienet qed tghix fl-appartament tal-vittma qabel l-akkadut;
2. Ma kienx hemm taqlib hlief fil-kamra tas-sodda;

[32] Jirrizulat li id-DNA fl-ingwanta li thalliet fil-komun tal-appartament tappartjeni ukoll lilu.

3. Xi granet qabel is-serqa l-imputata tkellmet ma’ Marflene Cricchiola;
4. Marflene Cricchiola jigi missier it-tifel tal-imputata;
5. Marflene Cricchiola raha fil-post u waqaf ikellimha xi granet qabel is-serqa u staqsieha jekk il-vittma ghandux flus u biex jidholl jisirqu. Fuq dan, l-imputata ma qalet xejn lill-vittma li hi kienet taf tajjeb u li sahansitra illum regghet qieghda f’relazzjoni mieghu;[33]
6. Fil-lejl li sehhet is-serqa hija kellmet lil Cricchiola u qaltlu li l-vittma kien l-Oyster Bar.
7. Gie stabilit li kien hemm xi taqlib fil-kamra tas-sodda biss u li nsterqu aktar minn ghaxart’elef Ewro (€10,000) minn hemm.[34]
8. Ma hemmx relazzjoni bejn Cricchiola, Degabriele u l-vittma u l-unika ness li hemm bejn il-vittma u Cricciola hija l-imputata.
9. Gie ukoll ippruvat li dan l-isgass fl-appartament sar bil-lejl.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f’ghajnejn il-Qorti jidher car li l-imputata kienet taf ben tajjeb bl-intenzjoni li kellu missier binhom, ossija Marflene Cricchiola. Hija taghtu l-informazzjoni ta’ fejn joqghod il-vittma, li kienet tghix mieghu, qaltlu li 6 kellu l-flus u fil-lejl tas-serqa kompliet issahhahlu il-volonta’ tieghu billi qaltlu fejn kien[35]. Il-Qorti hija konvintissima li waqt l-interrogazzjoni taghha l-imputata ma qalitx il-verita’ kollha u zammet ghaliha xi informazzjoni li setghet tinkriminaha b’aktar qawwa. B’daqsehekk ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ma ippruvatx dan il-kaz lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

[33] Folio 53 u 54 tal-process
[34] Fil-fatt hemm diskrepanza tal-ammont f’ dak li gie irrapurtat lill-pulizija u dak li jinsab fl-inkjesta magisterjali. Ara Folio 161 u 162 meta komparati ma’ Folio 21 u 22 tal-process.
[35] Konversazzjoni ta’ madwar 90 sekonda fost l-ohrajn.

Dak li qalet u stqarret l-imputata u *li ma gie attakkat bl-ebda mod iehor* kif ukoll it-telefonati tat-tabulati tal-mobile phones ma jhallu l-ebda ombra ta' dubbju li l-imputata hadet parti attiva fl-ippjanar ta' din is-serqa mill-bidu sa l-ahhar. Hija qaghdet f'dan ix-xenarju, u anki wara, permezz tal-istqarrija taghha meta giet arrestata at '*a safe distance*' ….. kif jghidu bil-Malti biex la tfuh u lanqas tinten…. L-ewwel mal-ex-sieheb taghha Marflene Cricchiola u mbaghad meta giet darha mal-hajt mal-pulizija.[36] B'dak li qalet u dak li ghamlet hija sahhet il-volonta' kriminali ta' Cricchiola u Degabriele u effettivament ghamlitilhom il-hajja u l-eghmil taghhom ferm aktar facli bejn il-lejl tat-23 u l-24 ta' Dicembru 2019 ghax kompliet titmaghhom bl-informazzjoni ftit qabel u waqt li kienu qed iwettqu l-pjan kriminali taghhom. Hija kienet parti attiva u fundamentali mill-*common design* li inholoq bejn il-partijiet biex tinsteraq il-vittma. Il-Qorti temmen li s-sehem taghha fis-serqa kien <u>strumentali</u> biex din issehh.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-akkuza fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentament pruvata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fis-seduta tal-05 ta' Gunju 2024, wara li kienu inghalaq l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni u anke l-istadju tal-provi tad-difiza u wara li l-imputata inghatat diversi opportunitajiet biex taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha, tant illi l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza gia mis-seduta tat-08 ta' Mejju 2023[37], l-imputata fis-seduta tal-05 ta' Gunju 2024 irregistrat ammissjoni[38], liema ammissjoni hija regghet ikkonfermat wara li l-Qorti spjegatilha l-portata tal-akkuża migjuba kontra taghha, il-konsegwenzi ta'

[36] Il-Qorti per ezempju ma temminhiex meta tghid li ma kinitx taf fejn il-vittma kien izomm il-flus jew li ma qaltlux lil Cricchiola fejn dawn kien qed jinzammu. Il-Qorti lanqas qed temminha fejn tghid li qalet lil Cricchiola qaltlu biss li l-vittma joqghod iz-Zejtun. Folio 55 tal-process.
[37] Folio 535 tal-process.
[38] Folio 545 tal-process.

tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuza, liema ammissjoni l-imputata wkoll ikkonfermat wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha u wara li inghatat il-hin mehtieg biex tikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed jassistiha.

Illi fuq tali ammissjoni wkoll l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi l-fatt li l-imputata, darha mal-hajt, u wara li l-kawza hadet il-kors taghha kollu u l-proceduri kienu wasslu fl-istadju deciziv taghhom, tant li l-kawza kienet gia thalliet ghas-sentenza, iddecidiet li tirregistra ammissjoni, ma jintitolahiex awtomatikament ghal xi skont mill-piena. Wiehed irid ifakkar li kif inhu ben maghruf anke l-ammissjoni bikrija ma tintitolax lill-imputat ghal xi skont mill-piena b'mod awtomatiku.

Ara f'dan is-sens is-segwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano; **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** (App. Nru. 128/2018) per Onorevoli Imhallef Aaron Brugeja; **Il-Pulizija vs Costantino Felice et** (App. Nru. 210/2007) per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Angel Attard** (App. Nru. 148/2005) per Onorevoli Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Paul Calleja** (App. Krim. 307/2008) per S.T. Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

Issa f'din il-kawza l-ammissjoni tal-imputata, ma kinitx ammissjoni bikrija izda ammissjoni fi stadju daqstant tardiv tal-proceduri, li minghajr tlaqlieq din il-Qorti tghid li m'ghandha l-ebda dubju li tali ammissjoni saret biss biex l-imputata tiehu skont mill-piena li l-Qorti tista' timponi fuqha, u dan wara

l-hin u r-rizorsi kollha li ntuzaw mhux biss mill-Pulizija izda wkoll mis-sistema gudizzjarja f'dan il-procediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, in vista ta' dak kollu suespost, inkluz l-istess ammissjoni tal-imputata, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat:**

F'dak li jirrigwarda piena l-Qorti tikkwota s-segwenti artikolu:

*278.(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*

*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux diktal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

*(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

*(4) Iżda, jekk il-valur tal-ħwejjeġ misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), il-qorti tista', bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 371(2)(ċ), tagħti f'kull każ il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa disa' xhur.*

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti hadet nota ukoll li l-imputata issa regghet qeghda f'relazzjoni mal-vittma, li l-flus ma gewx ritornati, l-eta' tal-imputata meta twettaq ir-reat kif ukoll il-fedina penali nettissima taghha. Qieset ukoll il-kollaborazzjoni u l-ammissjoni tal-imputata mal-pulizija ghalkemm kif

diga' inghad, il-Qorti ghandha rizerva kbira kemm l-imputata qalet il-verita' shiha.

Il-Qorti hadet ukoll nota tal-aggravji addebitati mill-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali, ossija l-ammont, il-valur, u li l-appartament gie sgassat fis-satra tal-lejl. Il-Qorti tat kunsiderazzjoni ukoll il-fatt mhux kontestat li qabel is-serqa kien hemm relazzjoni ta' fiducja bejn il-vittma u l-imputata kif ukoll id-dmir li l-Qorti tipprotegi s-socjeta' u li kulhadd ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li meta johrog minn daru u jigi lura isib id-dar intatta mija fil-mija.

Il-Qorti qieset ukoll li f'kazijiet bhal dawn jinhlew hafna rizorsi prezzjuzi kemm tal-Pulizija kif ukoll tal-Qrati.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 532A, 533, 42, 43, 261(b), 261(c ), 261(e ), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 270, 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 281, 284, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib l-imputata **NICOLE VASSALLO HATJA** tal-akkuza migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hatja Nicole Vassallo sabiex thallas nofs l-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija u sebgha u hamsin Ewro u sittin centezmu (€457.60) fi zmien xahar mil-lum[39].

[39] Nofs ta' €325.80 (Folio 304); €46.43 (Folio 219), €170.75 ( Folio 234). Il-Qorti mhix se tikkundannaha l-ispejjez in relazzjoni mad-DNA fuq l-ingwanta ghax f'dan ir-rigward ma kinitx involuta u lanqas l-ispellez tas-Sur Joseph Azzopardi ghax mill-atti processwali ma jirrizultax l-ammont.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tingab a konjizzjoni tar-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex immedjatament fil-hin opportun jigbor dak li hu dovut mill-hatja.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car l-obbligi taghha taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess u ma tottemperax ruhha ma’ dak hawn fuq deciz.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Moghtija llum 04 ta’ Gunju 2025, fil-bini tal-Qorti, Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur